29 ta' Settembru 2022
119/2022

# L-ISKEJJEL TAL-KNISJA JILQGĦU LURA L-ISTUDENTI U L-EDUKATURI KOLLHA

BIDU TAS-SENA SKOLASTIKA 2022-2023

Matul dawn il-jiem 'il fuq minn 16,000 student u iktar minn 3,000 edukatur qed jerġgħu lura fl-iskejjel tal-Knisja għal sena skolastika b'tamiet imġedda. Wara sentejn u nofs ta' miżuri imposti biex nilqgħu għall-pandemija, il-55 skola tal-Knisja f'Malta u Għawdex fetħu l-bibien tagħhom biex jilqgħu fiżikament lill-komunitajiet tagħhom. Minn dawn, 1,973 huma studenti li qed jingħaqdu fl-iskola tal-Knisja, wara li ħadu sehem fil-proċess tad-dħul permezz tal-kriterji u l-poloz immexxi mis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija matul is-sena li għaddiet.

Kelliem għas-Segretarjat irrimarka kif il-kollaborazzjoni bejn l-imsieħba kollha, li dejjem jisħqu dwar l-importanza tagħha, kienet kruċjali biex ingħelbu l-bosta diffikultajiet li ġabet magħha l-pandemija. Saru sagrifiċċji kbar minn studenti, ġenituri, edukaturi, mexxejja edukattivi, u kongregazzjonijiet, li flimkien ma' għajnuniet minn diversi setturi, inkluż l-awtoritajiet ċivili, wasslu biex tnaqqas l-impatt negattiv mill-pandemija fuq l-edukazzjoni fl-iskejjel tal-Knisja b'mod sostanzjali.

Illum, dawn l-imsieħba qed jirritornaw flimkien fl-iskejjel b'tamiet ta' normalità ġdida mogħnija b'għarfien ġdid li nkiseb matul din it-taqbida kollettiva. Għarfien dwar dak li għandu jibqa' l-iktar għan importanti għall-proċess edukattiv – dak li nikkontribwixxu fil-formazzjoni ta' persuni li jsibu l-milja tagħhom b'mod ħolistiku sabiex inkunu u jkunu ta' ġid għal xulxin.

Is-Segretarjat jassisti lill-iskejjel tal-Knisja kollha f'din il-missjoni importanti li bosta drabi tintlaħaq b'suċċess. Madankollu, bħal kulħadd, huwa ddispjaċut b'dak li ntlaqtet minnu l-komunità tal-Kulleġġ San Albert il-Kbir. Kif sar b'mod speċjali matul dawn l-aħħar xhur, is-Segretarjat assigura li ser ikompli jassisti, fejn meħtieġ, lil din il-komunità partikolari b'kull mezz possibbli. Is-Segretarjat huwa konxju li mhux dejjem jirnexxilu jilħaq l-aspettattivi ta' kulħadd għal diversi raġunijiet, u jħeġġeġ biex f'dawn il-mumenti ngħarfu nkunu xhieda ta' kif nistgħu nirrikonoxxu d-differenzi ta' bejnietna u xorta waħda naħdmu flimkien għal għanijiet komuni li jżommu l-istudent fiċ-ċentru.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

Din is-sena skolastika, flimkien mas-setturi l-oħra tal-iskejjel tal-istat u dawk indipendenti, l-iskejjel tal-Knisja ser ikunu qed jipparteċipaw fil-kontinwazzjoni tal-implimentazzjoni tar-riforma nazzjonali marbuta mal-qafas tal-kisbiet mit-tagħlim (*Learning Outcomes Framework*). Marbuta ma' din ir-riforma kurrikulari hemm ukoll bidliet fil-mod ta' kif jiġu evalwati l-abbiltajiet differenti tal-istudenti, b'kontribut dirett mill-istess għalliema tal-iskola, saħansitra b'ċertifikazzjoni uffiċjali. Dan mhux biss jagħraf u jsaħħaħ dejjem iktar il-professjonalità tal-edukaturi, iżda joffri opportunitajiet ġodda biex ma nibqgħux dipendenti b'mod esklussiv fuq l-eżamijiet, filwaqt li nibqgħu nirrikonoxxu l-importanza tal-eżamijiet.

F'messaġġ lill-istudenti u l-edukaturi kollha, l-Arċisqof Charles Scicluna ħeġġeġ biex nitolbu ħafna ħalli din is-sena jinbena r-rispett għal xulxin u nirringrazzjaw 'l Alla li t-tagħlim issa se jkun fil-klassi u "allura huwa mument fejn aħna niċċelebraw il-fatt li qegħdin preżenti għal xulxin, li kull filgħodu matul il-ġimgħa nistgħu niltaqgħu, inkunu komunità skolastika: l-għalliema, l-istaff, id-diriġenti u l-istudenti biex nikbru bħala ċittadini tajbin u ta' eżempju għall-ġid ta' kulħadd u ta' pajjiżna".

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**